

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Notifika Ta' Dokumenti \(riformulazzjoni\)](#) > [Notifika Ta' Dokumenti](#) > [Slovenia](#)

## Notifika ta' dokumenti

Slovenja



Slovenja

NB! Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru [1393/2007](#) inbidel bir-Regolament (UE) [2020/1784](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mill-1 ta' Lulju 2022.

In-notifiki li saru skont ir-Regolament il-ġdid jistgħu jinstabu [hawnhekk!](#)

### L-Artikolu 2(1) - Aġenziji Trażmetturi

L-aġenziji trażmetturi huma: il-qrati lokali (*okrajna sodišča*), il-qrati distrettwali (*okrožna sodišča*), il-Qorti Industrijali u tal-Affarijiet Soċjali (*delovno in socialno sodišče*), il-Qorti Amministrattiva (*upravno sodišče*), il-qrati superjuri (*višja sodišča*), il-Qorti Suprema (*Vrhovno sodišče*), il-Qorti Kostituzzjonali (*Ustavno sodišče*) u l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali (*Državno odvetništvo*).

### L-Artikolu 2(2) - Aġenziji li jirċievu

Il-qrati distrettwali kollha huma aġenziji riċeventi.

### L-Artikolu 2(4)(d) - Il-lingwi li jistgħu jintużaw għat-tlestija tal-formola standard fl-Anness I

Is-Slovenja se taċċetta formoli standard ta' talbiet mimlija bil-lingwa Slovena jew bl-Ingliż.

### L-Artikolu 3 - Korp ċentrali

Ministrstvo za pravosodje (il-Ministeru tal-Ġustizzja)

Župančičeva 3

SLO-1000 Ljubljana

Tel.: (+386)1369 53 42

Faks: (+386)1369 57 83

Posta elettronika: [gp.mp@gov.si](mailto:gp.mp@gov.si)

### L-Artikolu 4 - Trasmissjoni tad-dokumenti

Is-Slovenja se taċċetta formoli standard ta' talbiet mimlija bil-lingwa Slovena jew bl-Ingliż.

### L-Artikolu 8(3) u 9(2) - Termini preskrittivi stabbiliti mil-liġi nazzjonali għan-notifika tad-dokumenti

Skont il-liġi Slovena, dokument ma għandux għalfejn jiġi notifikat fi żmien perjodu partikulari.

### L-Artikolu 10 - Ċertifikat tas-servizz u kopja tad-dokument innotifikat

Is-Slovenja se taċċetta ċertifikati mimlija bil-lingwa Slovena jew bl-Ingliż.

### L-Artikolu 13 - Servizz minn aġenti diplomatiċi jew konsulari

- Is-Slovenja ma topponix għall-possibbiltà ta' notifika permezz ta' aġenti diplomatiċi jew konsulari skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1).
- Is-Slovenja topponi n-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji dwar persuni li jirrisjedu fis-Slovenja permezz ta' aġenti diplomatiċi jew konsulari ta' Stat Membru ieħor, flief meta d-dokument jiġi notifikat liċ-ċittadin ta' Stat Membru li fih ikun joriġina d-dokument.

### L-Artikolu 15 - Servizz dirett

In-notifika diretta mhix permessa skont il-liġi Slovena.

### L-Artikolu 19 - Meta l-konvenut ma jidhirx għall-proċeduri

Minkejja l-Artikolu 19(1) tar-Regolament, imħallef jista' jaqta' sentenza anke jekk ma jiġi riċevut l-ebda ċertifikat ta' notifika jew ta' twassil, diment li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament ikunu ssodisfati.

Tista' titressaq applikazzjoni għal eżenzjoni fi żmien sena mid-data meta tinqata' s-sentenza.

■ L-aħħar aġġornament: 17/02/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.